



Brussell, 11 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

14450/24
ADD 1

ELARG 131
COEST 554
CODEC 1931
CADREFIN 148
FIN 899
ECOFIN 1137
BUDGET 60
POLGEN 131

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

| | |
|-------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn: | Is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 10 ta' Ottubru 2024 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2024) 470 final |
| Suġġett: | ANNESS tal- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Pjan ta' Tkabbir għall-Moldova |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 470 final.

Mehmuż: COM(2024) 470 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.10.2024
COM(2024) 470 final

ANNEX

ANNESS

tal-

**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat
Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni**

dwar il-Pjan ta' Tkabbir għall-Moldova

ANNESS

Miżuri li jappoġġaw l-integrazzjoni tal-Moldova fis-suq uniku tal-UE (il-Pilastru 2)

1. Il-moviment liberu tal-merkanzija u l-integrazzjoni fil-ktajjen tal-provvista

- (1) Jiġu konkluż ftehim dwar il-valutazzjoni tal-konformità u l-aċċettazzjoni (ACAA, agreement on conformity assessment and acceptance) tal-prodotti industrijali biex jiġi żblukkat is-suq uniku għall-prodotti manifatturati fil-Moldova b'segwitu għal allinjament mal-acquis rilevanti tal-UE.
- (2) Jiġu mistħarrġa soluzzjonijiet biex tissaħħa il-kapaċită u l-indipendenza tal-infrastruttura ta' kwalità tagħha (inkluż l-ittestjar fil-laboratorju u s-sorveljanza tas-suq) kif ukoll tiġi promossa l-intelligence dwar l-aċċess u l-opportunitajiet tas-suq tal-UE.
- (3) Tiġi promossa s-sħubija sħiħa tal-korp nazzjonali tal-istandardizzazzjoni tal-Moldova mat-tliet Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni uffiċċiali, is-CEN, is-CENELEC u l-ETSI.

2. Il-faċilitazzjoni tal-kummerċ leġittimu u tal-konnessjonijiet tat-trasport kif ukoll sigurtà msahħha tal-katina tal-provvista

Minn Mejju 2022, il-Korsiji ta' Solidarjetà għenu biex jittejbu l-konnessjonijiet tat-trasport UE-Ukrajna-Moldova, filwaqt li taw spinta lill-kummerċ permezz tat-toroq, tal-ferroviji u tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Barra minn hekk, il-Moldova u l-UE jikkooperaw mill-qrib fid-dwana, b'mod partikolari permezz tal-programmi ta' Rikonoxximent Reċiproku tal-Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati (AEO, Authorised Economic Operators). Il-Moldova għandha taderixxi mal-Konvenzjoni dwar Proċedura Komuni ta' tranżitu (CTC, Common Transit Convention) fl-2025 u tħeġġeġ lill-operaturi tagħha biex jagħmlu użu sħiħ mill-proċedura ta' tranżitu biex jiffaċilitaw il-proċess tal-qsim tal-fruntieri. Se jiġu mistħarrġa passi ulterjuri, inkluż:

- (4) L-ġhoti ta' assistenza esperta permezz tal-Programm Doganali biex jiġu ssimplifikati u diġitalizzati l-proċessi doganali, bit-tir li tiġi appoġġata l-attività kummerċjali leġittima kif ukoll li titwitta t-triq għall-interoperabbiltà mal-ambjent doganali elettroniku tal-UE.
- (5) L-ġhoti ta' aċċess ulterjuri għas-sistema tal-kontroll tal-kummerċ u tal-esperti (TRACES).
- (6) L-ġhoti ta' opportunitajiet ġodda ta' investimenti għall-iżvilupp tal-punti ta' qsim tal-fruntiera prioritarji tan-Network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T, Trans-European Transport Network), kif ukoll l-iżgurar tal-integrazzjoni tas-sistemi ferrovjarji tal-Moldova fis-sistema tal-UE, komplementari għall-investimenti li digħi għaddejjin sostnuti mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE).
- (7) Il-proposta tal-estensjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bit-Triq lil hinn minn Diċembru 2025 u l-appoġġ għall-allinjament tal-leġiżlazzjoni dwar it-trasport bit-triq.
- (8) It-tiċċihi tal-kooperazzjoni mal-Komunità tat-Trasport, inkluż permezz ta' appoġġ imsaħħa u l-integrazzjoni tal-Moldova fir-riżultati tanġibbli tat-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport (TCT, Transport Community Treaty), b'mod partikolari l-pjanijiet ta' azzjoni, u r-rapporti ta' progress dwar l-allinjament mal-acquis u l-iżvilupp tat-TEN-T.

3. L-integrazzjoni fis-suq tal-enerġija tal-UE u d-dekarbonizzazzjoni

Abbażi tal-Pjan Direzzjonali Konġunt bejn il-Moldova, il-Komunità tal-Enerġija u 1-Kummissjoni Ewropea, se jingħata appoġġ għal:

- (9) L-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni allinjata mal-UE u riformi relatati fis-suq tal-enerġija.
- (10) L-investimenti meħtieġa għall-iżvilupp ta' swieq tal-enerġija kompetittivi u sostenibbli li jwittu t-triq għall-integrazzjoni tagħhom mas-suq intern tal-UE.
- (11) Miżuri għat-tħejjija fl-implementazzjoni tal-ipprezzar tal-karbonju.

4. L-integrazzjoni fis-Suq Uniku Diġitali

Fis-settur diġitali, il-miżuri se:

- (12) Jiffaċilitaw it-traspożizzjoni u l-implementazzjoni effettiva tal-acquis dwar ir-roaming u t-telekomunikazzjoni, għall-integrazzjoni fiż-żona tal-UE “uża r-roaming qisek qiegħed pajjiżek”.
- (13) Jappoġġaw il-parteċipazzjoni tal-Moldova fl-iżvilupp u l-implementazzjoni tal-Kartiera tal-Identità Diġitali tal-UE tal-futur u biex tallinja l-leġiżlazzjoni nazzjonali mal-qafas tal-Identità Diġitali Ewropea kif ukoll il-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà (EIF, European Interoperability Framework) għas-servizzi pubbliċi online u l-iskambju transfruntiera.
- (14) Jappoġġaw l-iżvilupp u l-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali (inkluża assistenza addizzjonal biex jiġu indirizzati riskji speċifiċi) u jesploraw mekkaniżmi ta' kooperazzjoni possibbli bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-Unjoni u tal-Moldova.
- (15) Jsaħħu ulterjorment l-infrastruttura diġitali, is-sigurtà u l-ekonomija tal-Moldova; jagħtu appoġġ għall-introduzzjoni ta' network broadband u l-assorbiment ta' ħiliet diġitali fiż-żonni rurali.
- (16) Isaħħu r-reżiljenza ċibernetika tas-setturi kritiċi fil-Moldova, b'mod partikolari, permezz tal-allinjament mad-Direttiva NIS 2 u mas-Sett ta' Għodod għaċ-Ċibersigurta tal-5G tal-UE; iżidu b'mod konsiderevoli l-kapaċità amministrattiva rilevanti, u potenzjalment iwittu t-triq għall-aċċess tal-Moldova għar-Riżerva għaċ-Ċibersigurta tal-UE skont l-Att dwar iċ-Ċibersolidarjetà.
- (17) Isaħħu l-implementazzjoni tal-prinċipji u r-regoli pprovdu mill-Istrateġija Ewropea għad-Data, bħall-Att dwar il-Governanza tad-Data, l-Att dwar id-Data, id-Direttiva dwar id-Data Miftuħa u r-Regolament ta' Implementazzjoni dwar settijiet tad-data ta' valur għoli.

5. L-aċċess għaż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (SEPA)

It-tnaqqis tal-kostijiet tal-pagamenti transfruntiera se jagħti spinta lill-kummerċ transfruntiera. Il-Moldova qiegħda tistabbilixxi l-leġiżlazzjoni nazzjonali meħtieġa mill-Kunsill Ewropew tal-Pagamenti għall-parteċipazzjoni fis-SEPA.

L-assistenza tal-UE se tipprovd appoġġ lill-Moldova biex tallinja ruħha mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE.

6. Oqsma oħra possibbli

- (18) Jiġu żviluppati sħubijiet strateġiċi għas-sigurtà tal-provvista tal-mediċini kritiċi permezz tal-Aċċess għall-Alleanza tal-Mediċini Kritiċi.

- (19) Jiġu żviluppati servizzi relatati mal-kummerċ elettroniku inklużi servizzi ta' konsenza tal-pakketti, servizzi turistiċi u attivitajiet oħra, li jibnu fuq il-pjan direzzjonali tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles tal-Ewropa Ċentrali (CEFTA) approvat fl-2020¹.
- (20) Ikun hemm kooperazzjoni fil-qasam tal-ħiliet u r-rikonoxximent tal-kwalifikasi, inklużi l-kwalifikasi professjonal².
- (21) Tiġi mistħarrġa l-parteċipazzjoni f'xi attivitajiet tan-Network Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjieg (Network tal-PES, Public Employment Services) u l-kooperazzjoni man-Network biex tissaħħaħ il-kapaċità tas-servizz pubbliku tal-impjieg tal-Moldova.
- (22) Jiġi appoġġat ulterjorment ir-referenzjar tal-Qafas Nazzjonali tal-Kwalifikasi tal-Moldova mal-Qafas Ewropew tal-Kwalifikasi (QEK), biex tiġi ffaċilitata t-trasprenza tal-ħiliet u l-kwalifikasi, inkluż permezz tal-ħidma tal-Grupp Konsultattiv dwar il-QEK u jingħata appoġġ lill-Punt ta' Koordinazzjoni Nazzjonali tal-QEK tal-Moldova li għadu kif ġie stabbilit.
- (23) Titrawwem kooperazzjoni dwar l-edukazzjoni u t-taħrif vokazzjonali, b'mod partikolari billi jiġi promoss involviment ulterjuri fl-apprendistati u t-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol fil-qafas tal-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati minn organizzazzjonijiet nazzjonali u reġjonali.
- (24) Ikun hemm parteċipazzjoni attiva tal-entitajiet tal-Moldova fil-fergħa tal-impjieg u l-innovazzjoni soċjali (EaSI, Employment and Social Innovation) tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+).
- (25) Tiġi ffaċilitata s-sħubija tal-Moldova fi programmi, strumenti, gruppi ta' esperti u faċilitajiet rilevanti ġoddha tal-UE kif ukoll il-parteċipazzjoni tagħha f'inizjattivi eżistenti tal-UE.

¹ “Electronic Commerce: Roadmap for dialogue on regulatory issues”, CEFTA, ara [Roadmap-for-regulatory-dialogue-on-electronic-commerce.pdf \(cefta.int\)](https://cefta.int/Roadmap-for-regulatory-dialogue-on-electronic-commerce.pdf)

² [Ir-Rakkmandazzjoni tal-Kummissjoni 2023/7700 tal-15 ta' Novembru 2023 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifikasi tal-persuni nazzjonali ta' pajjiżi terzi](https://irr.km.mt/Ir-Rakkmandazzjoni_tal-Kummissjoni_2023/7700_tal-15_ta'_Novembru_2023_dwar_ir-rikonoxximent_tal-kwalifikasi_tal-persuni_nazzjonali_ta'_pajjiżi_terzi)